# REGOLI GĦAS-SENA LITURĠIKA

# U

# IL-KALENDARJU RUMAN ĠENERALI

# SACRA CONGREGATIO PRO CULTU DIVINO

Prot. n. 256/73

**PROVINCIAE ECCLESIASTICAE MELITENSIS**

Instante Excellentissimo Domino Michaele Gonzi, Archiepiscopo Melitensi, litteris die 31 ianuarii 1973 datis, vigore facultatum huic Sacrae Congregationi a Summo Pontifice PAULO VI tributarum, Calendarium proprium et textus, lingua latina exaratos, Missarum et Officiorum propriorum, prout in adiecto prostant exemplari perlibenter probamus seu confirmamus.

In textibus autem imprimendis mentio fiat de confirmatione ab Apostolica Sede concessa et textus impressi duo exemplaria ad hanc Sacram Congregationem transmittantur.

Contrariis quibuslibet minime obstantibus.

Ex aedibus Sacrae Congregationis pro Cultu Divino, die 8 novembris 1973.

(† A. Bugnini)
Archiep. tit. Diocletianen.
a Secretis

Vergilius Noe
Subsecr.

# ITTRA APPOSTOLIKA "MOTU PROPRIO" "MYSTERII PASCHALIS"

## LI BIHA HUMA APPROVATI IR-REGOLI UNIVERSALI GĦAS-SENA LITURĠIKA U L-KALENDARJU RUMAN ĠENERALI L-ĠDID

# PAWLU PP. VI

IL-MISTERU TAL-GĦID issirlu ta' kull sena ċelebrazzjoni solenni li, skond it-tagħlim tassew ċar tal-Konċilju Vatikan II, għandha l-aqwa importanza fil-kult reliġjuż nisrani u tinfirex matul il-ġranet u l-ġimgħat kollha tas-sena. Minn dan tiġi l-ħtieġa li, fit-tiġdid tas-sena liturġika, skond id-direttivi mogħtija mill-istess Konċilju Mqaddes,[1] isir tqassim fil-Proprji taż-Żmien u tal-Qaddisin kif ukoll reviżjoni tal-Kalendarju Ruman, b'mod li l-Misteru tal-Għid jitqiegħed f'dawl aqwa.

I

Ġara li mal-medda tas-snin żdiedu ħafna ċelebrazzjonijiet ta' vġejjel u festi bl-ottavi tagħhom; n-nisġa bejn it-taqsimiet tas-sena liturġika ma baqgħetx tidher ċar; u l-fidili nqdew ħafna drabi b'devozzjonijiet partikulari hekk li l-attenzjoni tagħhom kienet bħallikieku titwarrab xi ftit mill-misteri ewlenin tal-fidwa.

Kif jaf kulħadd, il-Predeċessuri tagħna San Piju X u Ġwann XXIII taw ordnijiet kemm biex Jum il-Mulej, jiġifieri l-ġurnata tal-Ħadd, jerġa' jikseb id-dinjità li kellu fl-imgħoddi u kulħadd iħarsu bħala l-jum festiv oriġinali,[2] kif ukoll iċ-ċelebrazzjoni liturġika tar-Randan imqaddes tieħu mill-ġdid l-importanza tagħha. Hekk ukoll il-Predeċessur Tagħna Piju XII ordna b'digriet[3] biex fil-Knisja Oċċidentali jiġġedded il-Vġili solenni tal-Għid, li fih issir iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija u l-poplu ta' Alla jġedded il-patt spiritwali tiegħu ma' Kristu Sidna rxoxt.

Dawn il-Papiet, b'rabta sħiħa mat-tagħlim tal-Missirijiet tal-Knisja u mad-duttrina tradizzjonali tal-Knisja Kattolika, fehmu tajjeb ħafna li, fiċ-ċiklu liturġiku ta' matul is-sena, aħna nfakkru l-egħmejjel li bihom Ġesù Kristu kisbilna s-salvazzjoni bil-mewt tiegħu, u nġeddu t-tifkira ta' ġrajjiet imgħoddija li l-meditazzjoni tagħhom tgħallem u tgħajjex spiritwalment lill-insara mqar l-aktar sempliċi; mhux dan biss, iżda, kif għallmu dawn l-istess Papiet, iċ-ċelebrazzjoni tas-sena liturġika hi *mogħnija b'saħħa u qawwa sagramentali speċjali biex tmexxi 'l quddiem il-ħajja nisranija.*[4] U dan nifhmuh u nistqarruh Aħna wkoll.

Għalhekk, meta nċċelebraw *il-misteru tat-Twelid ta' Kristu*[5] u d-dehra tiegħu fostna, nagħmlu sewwa u tajjeb meta nitolbu biex jisthoqqilna nġġeddu fir-ruħ bis-saħħa ta' dak li għarafnieh jixbah lilna fil-ġisem;[6] bħalma wkoll fiċ-ċelebrazzjoni tal-Għid tal-Mulej nitolbu lil Alla biex dawk li twieldu mill-ġdid ma' Kristu jibqgħu jżommu fihom b'ħajja tajba s-sagrament li ħadu bl-istqarrija tal-fidi.[7] Għax il-Knisja, biex ninqdew bil-kliem tal-Konċilju Vatikan II, hija u tfakkar il-misteri tal-fidwa, tiftaħ lill-fidili t-teżori tal-merti qawwija ta' Sidha, hekk li b'xi mod jistgħu jsibuhom dejjem qrib tagħhom biex jieħdu minnhom u jimtlew bil-grazzja tas-salvazzjoni.[8]

Għalhekk ir-reviżjoni tas-sena liturġika, u r-regoli li ssawru għaliha wara t-tiġdid

tagħha, ma għandhomx ħsieb ieħor ħlief li l-fidili, permezz tal-fidi u t-tama u l-imħabba, jingħaqdu ħaġa waħda ma' Kristu fil-misteru kollu tiegħu li jinfetaħ quddiemhom bħal ktieb matul is-sena kollha.[9]

II

Aħna nħossu li anqas xejn ma nkunu nitbiegħdu minn dan it-tagħlim meta niċċelebraw ukoll il-festi tal-Verġni mqaddsa Marija, *li hi marbuta b'rabta l-iżjed sħiħa ma' Binha fl-opra tiegħu,*[10] kif ukoll nagħmlu t-tifkiriet tal-Qaddisin u, bil-ħaqq kollu, il-festi tal-Martri, dawk *is-sidien tagħna li stqarrew il-fidi tagħhom u ħarġu rebbieħa.*[11] U r-raġuni hi ċara daqs id-dawl. Għax *il-festi tal-Qaddisin ixandru l-egħġubijiet ta' Kristu fil-qaddejja tiegħu u jagħtu l-okkażjoni lill-fidili biex jimxu fuq l-eżempji tajba tagħhom.*[12] u l-Knisja kattolika dejjem żammet bħala ħaġa żgura u ċerta li bil-festi tal-Qaddisin tkun qed ixxandar u jiġġedded l-istess Misteru tal-Għid ta' Kristu.[13]

Iżda ma nistgħux nicħdu li matul issnin daħal fil-kalendarju għadd ta' festi tal-Qaddisin iżjed milli kien imiss; u għalhekk kienet f'waqtha t-twissija tal-Konċilju Mqaddes meta qal: *Biex il-festi tal-Qaddisin ma joħonqux il-festi li jfakkru l-istess misteri tas-salvazzjoni, iċ-ċelebrazzjoni ta' ħafna minnhom tibqa' ssir f'din jew dik il-Knisja jew Nazzjon jew Familja Reliġjuża partikulari, u fil-Knisja kollha jsiru dawk biss li jfakkru Qaddisin li għandhom tassew importanza universali.*[14]

Biex iseħħu dawn id-digrieti tal-Konċilju Ekumeniku, min-naħa waħda tneħħew mill-Kalendarju ġenerali l-ismijiet ta' xi Qaddisin, u min-naħa l-oħra tneħħa l-obbligu tat-tifkiriet ta' Qaddisin oħrajn, biex issa dawn jista' jagħmilhom min irid u jingħatalhom il-ġieħ li jixirqilhom f'artijiethom. B'hekk ġara li mill-Kalendarju Ruman tneħħew xi ismijiet ta' Qaddisin li mhumiex magħrufa kullimkien fid-dinja, waqt li daħlu l-ismijiet ta' xi Martri minn pajjiżi evanġelizzati fi żminijiet aktar qrib lejna. Għalhekk issa, fi kwadru wieħed u bl-istess dinjità, qegħdin jidhru Qaddisin minn kullimkien, qishom ir-rappreżentanti ta' kull nazzjon fid-dinja, li xi wħud minnhom xerrdu demmhom għal Kristu, u oħrajn huma magħrufa għall-virtujiet kbar tagħhom.

Jidhrilna, mela, li l-Kalendarju ġenerali l-ġdid tar-rit Latin jaqbel iżjed malmotivi u s-sentimenti reliġjużi tal-Knisja, għax mil-lum 'il quddiem permezz tiegħu se jkollna quddiemna l-ismijiet ta' bnedmin tassew tal-għaġeb li joffru lill-poplu kollu ta' Alla mudelli mill-isbaħ ta' qdusija li huma fittxewha b'kull mod ta' ħajja. Ma hemmx għalfejn ngħidu kemm dan kollu jista' jservi ta' ġid spiritwali għall-poplu nisrani kollu.

Wara li qisna dawn ir-raġunijiet birreqqa kollha fid-dawl tal-Mulej, Aħna, bis-Setgħa Appostolika Tagħna, napprovaw il-Kalendarju Ruman ġenerali l-ġdid kif sawru l-Kunsill li jieħu ħsieb l-esekuzzjoni tal-Kostituzzjoni fuq il-Liturġija mqaddsa, kif ukoll ir-regoli universali tat-tqassim tas-sena liturġika, u nordnaw li jibdew iseħħu mill-1 ta' Jannar li ġej, tas-sena 1970, skond ma tiddetermina l-Kongregazzjoni Mqaddsa tar-Riti flimkien mal-Kunsill imsemmi, b'digrieti li jibqgħu jseħħu sa ma toħroġ l-edizzjoni tal-Missal u tal-Brevjar il-ġodda.

Dawn l-istatuti, li Aħna qegħdin nagħtu b'din l-Ittra Tagħna "motu proprio", irriduhom iseħħu u jitwettqu kollha, għall-bżonn minkejja l-Kostituzzjonijiet u l-Ordinazzjonijiet maħruġa mill-Predeċessuri Tagħna, u ordnijiet oħrajn, imqar dawk li għandhom xi raġuni li nsemmuhom b'isimhom biex ngħarrfu li neħħejniehom.

Mogħti f'Ruma, f'San Pietru, fl-14 ta' Frar 1969, fis-sitt sena tal-Pontifikat tagħna.

PAWLU PP. VI

---

[1] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija mqaddsa, nn. 102-111. AAS 56 (1964) pp. 125-128.
[2] Ara *l-istess*, n. 106, p. 126.
[3] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Digr. *Dominicæ Resurrectionis*, 9 Frar 1951: AAS 43 (1951) pp. 128-129.
[4] Kongr. Mq. tar-Riti, Digr. ġen. *Maxima Redemptionis nostræ mysteria*, 16 Nov. 1965: AAS 47 (1955) p. 839.
[5] S. Ljun il-Kbir, *Sermo XXVII in Nativitate Domini*, 7, 1: PL 54, 216.
[6] Ara l-Missal Ruman, *Kolletta tal-Festa tal-Magħmudija tal-Mulej.*
[7] Ara l-Missal Ruman, *Kolletta tat-Tnejn fost l-ottava tal-Għid.*
[8] Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija mqaddsa, n. 102.
[9] Ara *l-istess.*
[10] Ara *l-istess*, n. 103.
[11] Ara *Breviarium Syriacum* (s.V), ediz. B. Mariani, Ruma 1956, p. 27.
[12] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija mqaddsa, n. 111.
[13] Ara *l-istess*, n. 104.
[14] Ara *l-istess*, n. 111.

# REGOLI UNIVERSALI
# GĦAS-SENA LITURĠIKA U L-KALENDARJU

## KAP. I

## IS-SENA LITURĠIKA

1. Il-Knisja mqaddsa, fi ġranet determinati matul is-sena, tfakkar b'ċelebrazzjoni qaddisa l-egħmil li bih Kristu salvana. Ta' kull ġimgħa, f'jum il-Ħadd, hija tfakkar il-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet, u tiċċelebrah ukoll darba fis-sena, flimkien mal-Passjoni mqaddsa ta' Sidna, fil-festa kbira u solenni tal-Għid. Matul is-sena mbagħad hija tkompli tiftaħ quddiemna l-misteru kollu ta' Kristu, u tagħmel it-tifkira ta' meta l-Qaddisin għaddew minn din il-ħajja għall-oħra.

Hekk ukoll, f'kull żmien tas-sena, skond drawwiet tradizzjonali, il-Knisja tmexxi 'l quddiem lill-fidili fil-għerf permezz ta' taħriġ qaddis tar-ruħ u l-ġisem, tagħlim talb, u egħmejjel ta' ndiema u ħniena.[1]

2. Il-prinċipji li ġejjin jistgħu u għandhom jiġu applikati kemm għar-rit Ruman u kemm għar-riti l-oħra kollha; iżda r-regoli prattiċi jolqtu biss ir-rit Ruman, sakemm ma jmissux ħwejjeġ li minnhom infushom jolqtu wkoll ir-riti l-oħra.[2]

### 1. IL-ĠRANET LITURĠIĊI

### I. Il-jum liturġiku

3. Il-poplu ta' Alla jikkonsagra lil Alla kull ġurnata b'diversi ċelebrazzjonijiet liturġiċi, imma l-iżjed bis-Sagrifiċċju ewkaristiku u bil-Liturġija tas-Sigħat.

Jum liturġiku jieħu minn nofs il-lejl sa nofs il-lejl. Imma ċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd u tas-solennitajiet tibda mill-Għasar tal-jum ta' qabel.

### II. Il-Ħadd

4. Fl-ewwel jum ta' kull ġimgħa, jiġifieri l-Ħadd, li jissejjaħ Jum il-Mulej, il-Knisja tiċċelebra l-misteru tal-Għid, skond it-tradizzjoni appostolika li bdiet mill-jum tal-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Għalhekk il-Ħadd għandu jitqies bħala l-jum festiv oriġinali.[3]

5. Minħabba l-importanza partikulari tiegħu, il-Ħadd ma jċedix iċ-ċelebrazzjoni tiegħu ħlief biss lis-solennitajiet, u lill-festi tal-Mulej; imma l-Ħdud ta' l-Avvent, tar-Randan u tal-Għid, għandhom il-preċedenza fuq il-festi kollha tal-Mulej u fuq is-solennitajiet kollha. Is-solennitajiet li jaħbtu f'dawn il-Ħdud isiru s-Sibt ta' qabel.

6. Ebda ċelebrazzjoni oħra ma tista' tkun marbuta għal dejjem mal-ġurnata tal-Ħadd. Madankollu:

a) il-Ħadd fost l-ottava tal-Milied issir il-festa tal-Familja Mqaddsa;

b) il-Ħadd wara s-6 ta' Jannar issir il-festa tal-Magħmudija tal-Mulej;

ċ) il-Ħadd wara Għid il-Ħamsin issir is-solennità tat-Trinità Mqaddsa;

d) fl-aħħar Ħadd "matul is-sena" ssir is-solennità ta' Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-ħolqien kollu.

7. Fejn imbagħad is-solennitajiet ta' l-Epifanija, ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema, u tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu mhumiex imħarsa bħala festi ikkmandati, jitħallew għall-Ħadd bħala l-jum proprju tagħhom, b'dan il-mod:

a) l-Epifanija ssir fil-Ħadd li jaħbat bejn it-2 u t-8 ta' Jannar;

b) Is-solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema ssir fis-7 Ħadd tal-Għid;

ċ) Is-solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu ssir il-Ħadd wara t-Trinità Mqaddsa.

### III. Solennitajiet, festi u tifkiriet

8. Matul is-sena il-Knisja hija u tiċċelebra l-misteru ta' Kristu tagħti wkoll ġieh bi mħabba speċjali lill-imqaddsa Marija Omm Alla, kif ukoll iġġedded it-tifkira tal-Martri u Qaddisin oħra għad-devozzjoni tal-fidili.[4]

9. Il-Qaddisin li għandhom importanza universali għall-Knisja kollha ssirilhom ċelebrazzjoni obbligatorja; oħrajn, għalkemm huma mniżżla fil-kalendarju ġenerali għall-Knisja kollha, iċ-ċelebrazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja; oħrajn imbagħad issirilhom ċelebrazzjoni fi Knejjes jew nazzjonijiet jew familji reliġjużi partikulari.[5]

10. Iċ-ċelebrazzjonijiet jitqassmu skond l-importanza mogħtija lilhom, u jissejħu hekk: solennitajiet, festi, tifkiriet.

11. Is-solennitajiet jitqiesu fost il-ġranet ewlenin, u ċ-ċelebrazzjoni tagħhom tibda mill-I Għasar lejlithom. Hemm solennitajiet li għandhom ukoll Quddiesa proprja għall-vġili tagħhom; din tintuża f'lejlithom għall-ħabta ta' l-I Għasar, jekk issir il-Quddiesa vespertina.

12. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Għid il-Kbir u tal-Milied, li huma l-aqwa fost is-solennitajiet, tieħu tmint ijiem sħaħ. Għal kull waħda minn dawn iż-żewġ ottavi hemm regoli proprji.

13. Iċ-ċelebrazzjoni tal-festi ssir fil-ġurnata naturali li jaħbtu; għalhekk dawn ma għandhomx l-I Għasar, ħlief il-festi tal-Mulej li jaħbtu f'xi Ħadd "matul is-sena" jew ta' żmien il-Milied, u li għalhekk l-Uffiċċju tagħhom jidħol flok dak tal-Ħadd.

14. It-tifkiriet, xi wħud minnhom huma obbligatorji, oħrajn mhux obbligatorji; iċ-ċelebrazzjoni tat-tifkiriet tiintiseġ ma' dik tal-ferja li fiha jaħbtu, skond ir-regoli mfissra fl-Ordni ġenerali għall-Missal u għal-Liturġija tas-Sigħat.

It-tifkiriet obbligatorji li jaħbtu fil-ferji tar-Randan ikunu iċċelebrati biss bħallikieku kienu tifkiriet mhux obbligatorji.

Jekk fil-kalendarju hemm imniżżla fl-istess ġurnata aktar minn tifkira waħda mhux obbligatorja, waħda biss tista' ssir minnhom, u l-oħrajn jitħallew barra.

15. Fis-Sibtijiet "matul is-sena", jekk fihom ma taħbat ebda tifkira obbligatorja, tista' ssir it-tifkira mhux obbligatorja tal-Verġni mqaddsa Marija.

## IV. Il-ferji

16. Il-ġranet tal-ġimgħa wara l-Ħadd jissejħu ferji; dawn issirilhom ċelebrazzjoni skond l-importanza tagħhom:

a) L-Erbgħa tar-Rmied, u l-ferji tal-Ġimgħa l-Kbira mit-Tnejn sal-Ħamis, jirbħu lil kull ċelebrazzjoni oħra.

b) Il-ferji ta' l-Avvent mis-17 sa l-24 ta' Diċembru,, kif ukoll l-ferji kollha tar-Randan, jieħdu preċedenza qabel it-tifkiriet obbligatorji.

ċ) l-ferji l-oħra iċiedu lis-solennitajiet u l-festi kollha, u jintisġu mat-tifkiriet.

## 2. IĊ-ĊIKLU TAS-SENA

17. Il-Knisja matul is-sena tfakkar il-misteru kollu ta' Kristu, mill-Inkarnazzjoni sa Għid il-Ħamsin u sa l-istennija tal-miġja tal-Mulej.[6]

## I. It-Tlitt Ijiem imqaddsa tal-Għid

18. Iżda t-Tlitt Ijiem imqaddsa tal-Għid tal-Passjoni u l-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet huma l-quċċata tas-sena liturġika kollha. Għaliex l-opra tiegħu, li biha kiseb il-fidwa għalina u ta glorja perfetta lil Alla, Kristu temmha fuq kollox bis-saħħa tal-Misteru tal-Għid tiegħu, meta bil-mewt tiegħu qered il-mewt tagħna, u bil-qawmien tiegħu kisbilna ħajja ġdida.[7] Għalhekk, bħalma l-jum tal-Ħadd huwa l-aqwa wieħed fost il-jiem kollha tal-ġimgħa, hekk ukoll is-solennità tal-Għid il-Kbir hija l-aqwa waħda fost is-solennitajiet kollha tas-sena liturġika.[8]

19. Iċ-ċelebrazzjoni ta' dawn it-Tlitt Ijiem imqaddsa tibda mill-Quddiesa vespertina ta' Ħamis ix-Xirka, tilħaq il-punt ċentrali tagħha fil-Vġili tal-Għid, u tagħlaq mal-Għasar tal-Ħadd tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet.

20. F'jum il-Ġimgħa fit-tifkira tal-Passjoni tal-Mulej,[9] u, skond iċ-ċirkustanzi, fil-jum ta' Sibt il-Għid sal-Vġili mqaddes,[10] issir kullimkien is-sawma mqaddsa tal-Għid.

21. Il-Vġili tal-Għid, fil-lejl qaddis tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet, jinżamm bħala "l-aqwa wieħed fost il-Vġejjel qaddisa kollha",[11] il-Vġili li fih il-Knisja tishar u tistenna l-qawmien ta' Kristu u tiċċelebrah fis-sagramenti mqaddsa. Għalhekk iċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-Vġili qaddis għandha ssir kollha bil-lejl, jiġifieri, jew tibda wara li jaqa' l-lejl, jew tispiċċa qabel sbiħ il-Ħadd.

## II. Żmien il-Għid

22. Il-ħamsin jum bejn il-Għid il-Kbir u Għid il-Ħamsin huma iċċelebrati b'ferħ u hena qishom kienu jum wieħed ta' festa, anzi bħala l-"Jum kbir tal-Mulej".[12]

Dawn huma l-jiem li fihom l-Hallelujah titkanta iżjed mis-soltu.

23. Il-Ħdud ta' dan iż-żmien jitqiesu bħala l-Ħdud tal-Għid, u, wara l-Għid il-Kbir, jissejħu t-2, it-3, ir-4, il-5, is-6, u s-7 Ħadd tal-Għid; iż-żmien qaddis ta' dawn il-ħamsin jum jagħlaq ma' Għid il-Ħamsin.

24. L-ewwel tmint ijiem ta' żmien il-Għid jagħmlu l-ottava tal-Għid, u huma iċċelebrati bħala solennitajiet tal-Mulej.

25. Erbgħin jum wara l-Għid il-Kbir issir iċ-ċelebrazzjoni ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema, jew Lapsi; imma din is-solennità, fejn mhijiex festa ikkmandata, issir fis-7 Ħadd wara l-Għid (ara n-n. 7).

26. Il-ferji ta' wara Lapsi, sas-Sibt lejlet Għid il-Ħamsin, huma ġranet ta' thejjija għall-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu.

## III. Żmien ir-Randan

27. Żmien ir-Randan qiegħed bħala thejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Għid il-Kbir. Il-liturġija tar-Randan thejji kemm lill-katekumeni u kemm lill-fidili biex flimkien jiċċelebraw il-Misteru tal-Għid: lill-katekumeni thejjihom billi pass wara l-ieħor tressaqhom lejn il-bidu tal-ħajja nisranija; u lill-fidili thejjihom billi tfakkarhom fil-Magħmudija tagħhom u tħeġġiġhom għall-indiema.[13]

28. Żmien ir-Randan jibda nhar l-Erbgħa tar-Rmied u jagħlaq qabel ma tibda l-Quddiesa ta' l-Ikla tal-Mulej f'Ħamis ix-Xirka.

Mill-bidu tar-Randan sal-Vġili tal-Għid l-Hallelujah ma tingħadx.

29. Nhar l-Erbgħa ta' Ras ir-Randan jitqiegħed l-irmied, u għandu jinżamm kullimkien bħala jum ta' sawm.[14]

30. Il-Ħdud ta' dan iż-żmien jissejħu l-1, it-2, it-3, ir-4, u l-5 Ħadd tar-Randan. Is-6 Ħadd, li fih tibda l-Ġimgħa l-Kbira, jissejjaħ "Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej".

31. Il-Ġimgħa l-Kbira tfakkarna fil-Passjoni ta' Kristu, ibda mid-daħla messjanika tiegħu f'Ġerusalem.

Nhar Ħamis ix-Xirka, filgħodu, l-Isqof jikkonċelebra l-Quddiesa mal-presbiteri tiegħu, biex ibierek iż-żjut imqaddsa u jikkonsagra l-griżma.

## IV. Żmien il-Milied

32. Tneħħi ċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru tal-Għid, l-iżjed ċelebrazzjoni antika fil-Knisja hija t-tifkira tat-Twelid ta' Sidna u ta' l-ewwel dehriet tiegħu: u dan isir fi żmien il-Milied.

33. Żmien il-Milied jibda mill-I Għasar tal-Milied sal-Ħadd wara l-Epifanija, jew il-Ħadd wara s-6 ta' Jannar.

34. Il-Quddiesa tal-Vġili tal-Milied issir fl-24 ta' Diċembru filgħaxija, qabel jew wara l-I Għasar tas-solennità.

Nhar il-Milied, skond it-tradizzjoni antika rumana, kull saċerdot jista' jiċċelebra jew jikkonċelebra tliet Quddisiet, waħda bil-lejl, waħda fis-sebħ, u waħda bin-nhar.

35. Il-Milied għandu l-ottava tiegħu, li titqassam hekk:

a) Il-Ħadd fost l-ottava ssir il-festa tal-Familja mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi; jekk fost l-ottava ma jaħbatx Ħadd, din il-festa ssir fit-30 ta' Diċembru.

b) Fi-26 ta' Diċembru ssir il-Festa ta' S. Stiefnu, l-ewwel martri.

c) Fis-27 ta' Diċembru ssir il-festa ta' S. Ġwann, Appostlu u Evanġelista.

d) Fit-28 ta' Diċembru ssir il-festa tal-Qaddisin Innoċenti.

e) Id-29, 30 u 31 ta' Diċembru huma ġranet fost l-ottava.

f) Fl-1 ta' Jannar issir is-solennità ta' l-Imqaddsa Omm Alla Marija, li fiha ssir it-tifkira ta' meta Bin Alla tawh l-Isem Imqaddes ta' Ġesù.

36. Il-Ħadd bejn t-2 u l-5 ta' Jannar huwa t-2 Ħadd wara l-Milied.

37. Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Epifanija tal-Mulej issir fis-6 ta' Jannar; imma din is-solennità, fejn mhijiex festa ikkmandata, issir il-Ħadd bejn it-2 u t-8 ta' Jannar (ara n-n. 7).

38. Il-Ħadd wara s-6 ta' Jannar issir il-festa tal-Magħmudija tal-Mulej.

Żmien l-Avvent għandu karattru doppju: hu żmien ta' thejjija għas-solennità tal-Milied, meta niċċelebraw l-ewwel miġja ta' Bin Alla fid-dinja; u hu żmien li fih din l-istess tifkira ta' l-ewwel miġja ta' Kristu ddawrilna ħsibijietna fuq t-tieni miġja tiegħu, li aħna qegħdin nistennewha sseħħ fl-aħħar taż-żminijiet. Għal dawn iż-żewġ raġunijiet, żmien l-Avvent hu għalina żmien ta' stennija devota u hienja.

Żmien l-Avvent jibda mill-I Għasar tal-Ħadd li jaħbat fit-30 ta' Novembru, jew tal-Ħadd li jkun l-eqreb lejn dik il-ġurnata, u jagħlaq qabel l-I Għasar tal-Milied.

Il-Ħdud ta' dan iż-żmien jissejħu l-1, it-2, it-3, u r-4 Ħadd ta' l-Avvent.

Il-ferji mis-17 sa l-24 ta' Diċembru għandhom rabta aqwa mat-thejjija tal-Milied.

Barra miż-żminijiet li għandhom karatteristika proprja, jibqa' 33 jew 34 ġimgħa oħra matul is-sena li fihom ma ssirx ċelebrazzjoni ta' xi aspett partikulari tal-misteru ta' Kristu; fihom aktarx infakkru dan il-misteru fih innifsu kollu kemm hu, u l-iżjed nhar ta' Ħadd. Dan insejħulu ż-żmien "matul is-sena".

Iż-żmien "matul is-sena" jibda mill-għada tal-Ħadd wara s-6 ta' Jannar sa lejlet Ras ir-Randan; imbagħad jerġa' jibda mill-għada ta' Għid il-Ħamsin sa qabel l-I Għasar ta' l-1 Ħadd ta' l-Avvent.

Il-Ħdud u l-ferji ta' dan iż-żmien għandhom sensiela ta' formularji mibnija xorta waħda, sew fil-Missal sew fil-Liturġija tas-Sigħat.

Fir-Rogazzjonijiet u l-Kwattrutempi l-Knisja s-soltu tagħmel talb lil Alla għall-bżonnijiet tal-bnedmin, fuq kollox biex ibierek ix-xogħol tal-bniedem u l-art trodd il-frott tagħha, u kif ukoll biex troddlu ħajr għat-tjieba tiegħu ma' kulħadd.

Ir-Rogazzjonijiet u l-Kwattrutempi għandhom jiġu adattati skond iċ-ċirkostanzi lokali u l-ħtiġijiet tal-fidili; għalhekk il-Konferenzi Episkopali jiddeterminaw meta u għal liema raġuni ssir iċ-ċelebrazzjoni tagħhom.

L-awtorità kompetenti tara x'jitolbu l-ħtiġijiet lokali, imbagħad tirregola dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, jiġifieri, isirux f'ġurnata waħda jew iżjed, jew kemm drabi jsiru matul is-sena.

Għal kull ċelebrazzjoni minn dawn tingħażel waħda mill-Quddies votiv, dik li tkun taqbel l-aktar ma' l-iskop tat-talb li jsir.

---

[1] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija mqaddsa, nn. 102.105.
[2] Ara *l-istess*, n. 3.
[3] Ara *l-istess*, n. 106.
[4] Ara *l-istess*, nn. 103-104.
[5] Ara *l-istess*, n. 111.
[6] Ara *l-istess*, n. 102.
[7] Ara *l-istess*, n. 5.
[8] Ara *l-istess*, n. 106.
[9] Ara Pawlu VI, Kostit. Appost. *Pænitemini*, 17 Frar 1966, II § 3: AAS 58 (1966) p. 106.
[10] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija mqaddsa, n. 110.
[11] Ara S. Wistin, *Sermo* 219: PL 38, 1088.
[12] Ara S. Atanasju, *Epist. fest.* 1: PG 26, 1366.
[13] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija mqaddsa, n. 109.
[14] Ara Pawlu VI, Kostit. Appost. *Pænitemini*, 17 Frar 1966, II § 3: AAS 58 (1966) n. 184.

# KAP. II

# IL-KALENDARJU

## 1 IL-KALENDARJU U Ċ-ĊELEBRAZZJONIJIET LI JITNIŻŻLU FIH

It-tqassim taċ-ċelebrazzjoni tas-sena liturġika jimxi skond il-Kalendarju. Il-Kalendarju huwa jew ġenerali, biex jintuża fir-Rit Ruman kollu, jew partikulari, biex jintuża fi Knisja partikulari jew familja reliġjuża.

Il-Kalendarju ġenerali fih iċ-ċiklu kollu taċ-ċelebrazzjonijiet, sew dawk tal-misteru tas-salvazzjoni fil-Proprju taż-żmien, sew dawk tal-Qaddisin li għandhom importanza universali u li għalhekk iċ-ċelebrazzjoni tagħhom hi obbligatorja għal kulħadd, kif ukoll ta' Qaddisin oħra li juru kif il-qdusija fil-poplu ta' Alla hija grazzja li jista' jiksibha kulħadd, f'kull post u f'kull żmien.

Il-Kalendarji partikulari fihom ċelebrazzjonijiet aktar proprji li hemm raġuni xierqa għalihom, imqassmin f'armonija maċ-ċiklu ġenerali. Għax kull Knisja lokali u familja reliġjuża għandhom Qaddisin li minħabba xi raġuni speċjali huma tagħhom proprji, u għalhekk jaħtieġ jagħtuhom ġieh partikulari.

Dawn il-Kalendarji partikulari, li jsiru mill-awtorità kompetenti, iridu jkunu approvati mis-S. Sede.

Biex il-Kalendarji partikulari jsiru sewwa, wieħed iżomm quddiem għajnejh dan li ġej:

a) Iċ-ċiklu taż-żminijiet, tas-solennitajiet u tal-festi, li bih fis-sena liturġika nfissru u nqimu l-misteru tal-fidwa, jiġifieri, il-Proprju taż-żmien, jinżamm sħiħ u jieħu l-preċedenza li jistħoqqlu fuq iċ-ċelebrazzjonijiet partikulari.

b) Iċ-ċelebrazzjonijiet proprji jitqiegħdu f'armonija maċ-ċelebrazzjonijiet universali, skond l-ordni u l-preċedenza li tieħu kull ċelebrazzjoni kif jidher mil-lista tal-ġranet liturġiċi. Il-Kalendarji partikulari ma għandhomx jitgħabbew iżjed minn kemm hu xieraq; għalhekk l-istess Qaddis ma jkollux iżjed minn ċelebrazzjoni waħda fis-sena liturġika; imma l-Qaddisin Patruni jew Fundaturi ta' Knejjes lokali jew ta' familji partikulari, jekk ikun hemm raġuni pastorali, tista' ssir ilhom it-tifkira tat-translazzjoni tagħhom jew ta' meta nstab il-ġisem tagħhom, biss bħala tifkira mhux obbligatorja.

ċ) Ċelebrazzjonijiet oħra, li jsiru bil-permess meħtieġa, ma għandhomx itennu ċelebrazzjonijiet oħrajn li diġà jinstabu fiċ-ċiklu tal-misteru tas-salvazzjoni, anqas ma għandhom jiżdiedu iktar milli hu xieraq.

Għalkemm jixraq li kull djoċesi jkollha Kalendarju partikulari u Proprju ta' l-Uffiċċju u tal-Quddies, jista' jkun ukoll li jsiru Kalendarji partikulari u Proprji għall-użu komuni ta' provinċja jew territorju jew nazzjon, jew ukoll għaqda ta' pajjiżi li jiddependu mill-istess setgħa; Kalendarji bħal dawn jitħejjew b'ħidma id f'id minn dawk kollha li huma interessati.

Dan il-prinċipju, għall-istess raġuni, jista' jinżamm ukoll fit-tħejjija ta' Kalendarji reliġjużi għall-provinċji ta' l-istess territorju ċivili.

Il-Kalendarju partikulari jsir billi fil-Kalendarju ġenerali jidħlu s-solennitajiet u l-festi u t-tifkiriet proprji, jiġifieri:

a) Fil-kalendarju djoċesan, barra ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Patruni u l-Konsagrazzjoni tal-kattidral, jidħlu wkoll dawk tal-Qaddisin u Beati li għandhom rabta speċjali mad-djoċesi, ngħidu aħna, għax twieldu jew mietu fiha, jew għexu żmien twil fiha.

b) Fil-Kalendarju reliġjuż, barra ċ-ċelebrazzjonijiet tat-Titular, tal-Fundatur u tal-Patrun, jidħlu wkoll dawk tal-Qaddisin u Beati li kienu membri tal-familja reliġjuża jew kellhom rabta speċjali magħha.

ċ) Fil-Kalendarju proprju ta' kull knisja, barra ċ-ċelebrazzjonijiet proprji tad-djoċesi jew tal-familja reliġjuża, jidħlu wkoll iċ-ċelebrazzjonijiet proprji ta' l-istess knisja, kif hemm fil-lista tal-ġranet liturġiċi, kif ukoll iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Qaddisin li l-iġsma tagħhom qegħdin fl-istess knisja. Barra minn dan, il-membri tal-familji reliġjużi jiċċelebraw, flim-

kien mal-komunità tal-Knisja lokali, l-anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-kattidral u s-solennitajiet u l-festi tal-Patruni prinċipali tal-post jew territorju fejn igħammru.

53. Jekk djoċesi jew familja reliġjuża għandha ħafna Qaddisin u Beati tagħha, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tgħabbi żżejjed il-Kalendarju tad-djoċesi kollha jew ta' l-Istitut reliġjuż kollu. Għalhekk:

a) L-ewwelnett id-djoċesi jew il-familja reliġjuża tista' tagħmel ċelebrazzjoni waħda għall-Qaddisin u l-Beati tagħha kollha flimkien, jew għal ċerta kategorija minnhom.

b) Fil-Kalendarju għaċ-ċelebrazzjoni individwali jidħlu biss dawk il-Qaddisin u Beati li għandhom importanza speċjali għad-djoċesi kollha jew għall-familja reliġjuża kollha.

c) Il-Qaddisin u l-Beati l-oħra ssirilhom ċelebrazzjoni f'dawk il-postijiet biss li magħhom kellhom rabta speċjali jew li fihom qegħdin l-iġsma tagħhom.

54. Iċ-ċelebrazzjonijiet proprji jsiru bħala tifkiriet, jew obbligatorji jew mhux obbligatorji, barra dawk li forsi diġà hemm maħsub xort'oħra għalihom fil-lista tal-ġrarnet liturġiċi, u dawk li għal raġunijiet speċjali storiċi jew pastorali jsiru b'solennità akbar. Iżda xejn ma jżomm li xi wħud minnhom f'xi postijiet isiru b'solennità akbar milli fil-bqija tad-djoċesi jew tal-familja reliġjuża.

55. Iċ-ċelebrazzjonijiet imniżżla fil-Kalendarju proprju jorbtu lil dawk kollha li huma obbligati jimxu fuq dak il-Kalendarju. Mingħajr l-approvazzjoni tas-S. Sede, dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ma jistgħux jitneħħew mill-Kalendarju u anqas isir tibdil fil-grad tagħhom.

## 2. IL-ĠURNATA PROPRJA TAĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET

56. Id-drawwa tal-Knisja hi li ċ-ċelebrazzjoni tal-Qaddisin issir fil-ġurnata li fiha għaddew minn din il-ħajja għall-oħra; tajjeb jekk din id-drawwa tinżamm ukoll fil-Kalendarji partikulari għaċ-ċelebrazzjonijiet proprji.

Iżda, għalkemm iċ-ċelebrazzjonijiet proprji għandhom l-importanza partikulari tagħhom f'kull Knisja lokali jew familja reliġjuża, b'danakollu jaqbel ħafna li, kemm jista' jkun, kulħadd jingħaqad ħaġa waħda mal-Knisja universali fiċ-ċelebrazzjoni ta' dawk is-solennitajiet, festi u tifkiriet obbligatorji, li diġà huma mniżżla fil-Kalendarju ġenerali.

Għalhekk fil-Kalendarju partikulari ċ-ċelebrazzjonijiet proprji jidħlu kif se ngħidu:

a) Dawk li diġà qegħdin fil-Kalendarju ġenerali, jitħallew fl-istess ġurnata li għandhom għalihom fih meta jidħlu fil-Kalendarju proprju; għall-bżonn, jingħatalhom grad ieħor.

L-istess isir fil-każ ta' Knisja waħda li ċ-ċelebrazzjonijiet proprji tagħha huma diġà mdaħħlin fil-Kalendarju djoċesan jew reliġjuż.

b) Il-Qaddisin li mhumiex fil-Kalendarju ġenerali tingħażel għalihom il-ġurnata li fiha għaddew minn din il-ħajja għall-oħra. Jekk din il-ġurnata mhix magħrufa, tingħażel waħda li għandha rabta mal-Qaddis, bħall-ġurnata ta' l-ordinazzjoni tiegħu, jew ta' meta nstab il-ġisem tiegħu, jew tat-traslazzjoni tiegħu, inkella xi ġurnata battala minn kull ċelebrazzjoni oħra fil-Kalendarju partikulari.

c) Jekk il-ġurnata li fiha l-Qaddis għadda minn din il-ħajja għall-oħra, jew il-ġurnata proprja li tingħażillu, tkun diġà mimlija b'ċelebrazzjoni obbligatorja oħra mqar ta' grad iżgħar fil-Kalendarju ġenerali jew partikulari, allura ċ-ċelebrazzjoni tiegħu tidħol fl-eqreb ġurnata battala minn ċelebrazzjonijiet obbligatorji.

d) Fil-każ ta' ċelebrazzjonijiet li għal raġunijiet pastorali ma jkunux jistgħu jiġu trasferiti għal ġurnata oħra, wieħed jittrasferixxi ċ-ċelebrazzjoni li tkun tfixkel.

e) Ċelebrazzjonijiet oħra, li jsiru bilpermess ta' l-awtorità kompetenti, jitniżżlu fil-jum l-aktar adatt għalihom taħt l-aspett pastorali.

f) Biex iċ-ċiklu tas-sena liturġika jibqa' jidher ċar fid-dawl kollu tiegħu, u biex ma jkunx hemm ċelebrazzjonijiet ta' Qaddisin li dejjem ikollhom x'jimpedihom, il-ġranet li fihom fil-biċċa l-kbira jaħbat żmien ir-Randan u l-ġimgħa ta' l-ottava tal-Għid, kif ukoll il-ġranet mis-17 sal-31 ta' Diċembru, jibqgħu battala minn kull ċelebrazzjoni partikulari, barra l-każ ta' tifkiriet mhux obbligatorji, jew ta' festi minn dawk imsemmija fin-n. 8 a, b, ċ, u d tal-lista tal-ġranet liturġiċi, jew solennitajiet li ma jistgħux ikunu ittrasferiti għal żmien ieħor.

Fejn is-solennità ta' S. Ġużepp (19 ta' Marzu) mhijiex festa ikkmandata, il-Konferenzi Episkopali jistgħu jittrasferuha għal ġurnata oħra barra r-Randan.

57. Il-Qaddiisin jew Beati li fl-istess ġurnata jissemmew flimkien, mhux separatament, fil-Kalendarju, ikunu iċċelebrati dejjem flimkien jekk kemm-il darba l-grad taċ-ċelebrazzjoni tagħhom hu l-istess; u dan igħodd ukoll fil-każ li xi wieħed jew uħud minnhom huma aktar proprji. Jekk imbagħad il-grad taċ-ċelebrazzjoni mhuwiex ta' kulħadd l-istess, isir l-Uffiċċju ta' dawk li huma ogħla fil-grad; l-oħrajn jitħallew barra, jew, jekk ikun hemm raġuni xierqa, ikunu ittrasferiti għal ġurnata oħra bħala tifkiriet obbligatorji.

58. Jekk ċelebrazzjoni partikolarment devota għall-fidili taħbat fost il-ġimgħa, għall-ġid pastorali tagħhom tista' tiġi ittrasferita fil-Hdud "matul is-sena", jekk kemm-il darba fil-grad tkun ogħla minn dawn il-Hdud skond il-lista tal-preċedenza, il-Quddies mal-poplu f'dan il-każ ikun kollu tal-festa ittrasferita.

59. Il-preċedenza fost il-ġranet liturġiċi, f'dik li hi ċelebrazzjoni tagħhom, timxi biss skond il-lista li ġejja.

## LISTA TAL-ĠRANET LITURĠIĊI

### skond l-ordni tal-preċedenza

I

1. It-Tlitt Ijiem imqaddsa tal-Għid tal-Passjoni u l-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet.

2. Il-Milied, l-Epifanija, Lapsi, u Għid il-Hamsin.

Il-Hdud ta' l-Avvent, tar-Randan u tal-Għid.

L-Erbgħa tar-Rmied.

Il-ferji tal-Ġimgħa l-Kbira, mit-Tnejn sal-Hamis.

Il-ġranet fost l-ottava tal-Għid.

3. Is-solennitajiet tal-Mulej, tal-Madonna u tal-Qaddisin imniżżla fil-Kalendarju ġenerali.

It-Tifkira tal-fidili mejtin kollha.

4. Is-solennitajiet proprji, jiġifieri:

a) Is-solennità tal-Patrun prinċipali lokali tal-belt jew raħal.

b) Is-solennità tal-Konsagrazzjoni tal-knisja proprja jew ta' l-anniversarju tagħha.

ċ) Is-solennità tat-Titular tal-knisja proprja.

d) Is-solennità jew tat-Titular, jew tal-Fundatur, jew tal-Patrun prinċipali ta' l-Ordni jew Kongregazzjoni.

II

5. Il-festi tal-Mulej imniżżla fil-Kalendarju ġenerali.

6. Il-Hdud ta' żmien il-Milied u "matul is-sena".

7. Il-festi tal-Madonna u l-Qaddisin imniżżla fil-Kalendarju ġenerali.

8. Il-festi proprji, jiġifieri:

a) Il-festa tal-Patrun prinċipali tad-djoċesi.

b) Il-festa ta' l-anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-kattidral.

ċ) Il-festa tal-Patrun prinċipali tan-nazzjon.

d) Il-festa tat-Titular, Fundatur, Patrun prinċipali ta' l-Ordni jew Kongregazzjoni u tal-provinċja reliġjuża; imma jsehh ukoll dak li hemm fin-n. 4.

e) Festi oħrajn proprji ta' xi knisja.

f) Festi proprji mniżżla fil-Kalendarju partikulari tad-djoċesi jew ta' l-Ordni jew Kongregazzjoni.

9. Il-ferji ta' l-Avvent mis-17 sa l-24 ta' Diċembru.

Il-ġranet fost l-ottava tal-Milied.

Il-ferji tar-Randan.

III

10. It-tifkiriet obbligatorji mniżżla fil-Kalendarju ġenerali.

11. It-tifkiriet obbligatorji proprji, jiġifieri:

a) It-tifkira tal-Patrun sekondarju tal-post, tad-djoċesi, tan-nazzjon, ta' l-Ordni jew Kongregazzjoni u tal-provinċja reliġjuża.

b) Tifkiriet obbligatorji oħra proprji ta' xi knisja.

ċ) Tifkiriet obbligatorji proprji mniżżla fil-Kalendarju partikulari tad-djoċesi jew ta' l-Ordni jew Kongregazzjoni.

12. It-tifkiriet mhux obbligatorji; imma fl-Ordni ġenerali għall-Missal, u f'dak għal-Liturġija tas-Sigħat, hemm imfisser kif dawn it-tifkiriet b'ċertu mod jistgħu jsiru wkoll fil-ġranet imsemmija fin-n. 9.

Għall-istess raġuni, meta xi tifkiriet obbligatorji jaħbtu fil-ferji tar-Randan,

jistgħu jiġu iċċelebrati bħala tifkiriet mhux obbligatorji.

13. Il-ferji ta' l-Avvent sas-16 ta' Diċembru.

Il-ferji ta' żmien il-Milied mit-2 ta' Jannar sas-Sibt wara l-Epifanija.

Il-ferji ta' żmien il-Għid mit-Tnejn wara l-ottava tal-Għid sas-Sibt qabel Għid il-Ħamsin.

Il-ferji "matul is-sena".

Jekk fl-istess ġurnata jaħbtu iżjed minn ċelebrazzjoni waħda, issir dik li tieħu l-preċedenza skond il-lista tal-ġranet liturġiċi. Imma jekk xi solennità taħbat f'ġurnata waħda ma' ċelebrazzjoni oħra aqwa minnha skond il-preċedenza, dik is-solennità tiġi ittrasferita fl-eqreb ġurnata battala miċ-ċelebrazzjonijiet imsemmijin fin-nn. 1-8 tal-lista tal-preċedenza; imma jsehħ dejjem dak li hemm fin-n. 5 ta' dawn ir-Regoli universali. Ċelebrazzjonijiet oħra għal dik is-sena jitħallew barra.

Meta jaħbtu flimkien il-Għasar tal-ġurnata u l-I Għasar tas-solennità jew ċelebrazzjoni tal-għada, jirbaħ il-Għasar ta' dik li hi l-aqwa fosthom skond il-lista tal-preċedenza. Jekk ikunu t-tnejn ta' l-istess grad, jirbaħ il-Għasar tal-ġurnata.